MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-21 ta' April, 2008

Numru 266/2003

IL-PULIZIJA
SPETTUR EDEL MARIE CAMILLERI
VS
EUGENIO FRANTZ

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Eugenio Frantz, ta’ 43 sena, iben Victor u Lourdes nee’ Camilleri, imwieled Hamrun fit-3 ta’ Dicembru 1959, u residenti fil-prezent ‘Alexandra,’ Flat 4, Main Street, Mosta. Detentur ta’ Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 803459(M).

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (fol. 22) u ta’ l-imputat (fol. 23) sabiex il-kas jigi trattat bil-procedura sommarja.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-Ufficjal Prosekutur (a fol 74) u ta’ l-imputat (a fol 75).

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat;

Illi mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur, Spettur Edel Marie Camilleri (a fol 13 et seq.) jirrizulta illi fit-28.2.03 fuq istruzzjonijiet taghha, WPS2, PC290, u PC460, ghamlu spezzjoni gewwa il-monti ta’ Birkirkara u sabu bejjiegh tal-monti, cioe lill-imputat Eugenio Frantz bi tmienja u hamsin (58), video cassettes li kienu, “Latest releases”. Dawn gew elevate kontra ricevuta Dok.LC. It-tminja u hamsin (58) video gew ezebiti bhala ezebit EC2 L-imputat irrilaxxa stqarrija DR EC 1.

Fl-istqarrija tieghu l-imputat ikkonferma li t-tmienja u hamsin (58) il-video kienu propjeta’ tieghu u li kien ser ibieghhom. Stqarr illi l-istickers fuqhom , “Monday,” “Wednesday,” u “Friday” kienu jindikaw id-data meta l-klijenti tieghu kienu ser jigbru dawk il-videos. Mitlub jghid il-ghaliex il-kaxxa videos kienet taht il-van ta’ terza persuna, l-imputat irrisponda:

***“Lanaqas naf kif nirrispondiha din.”***

Spettur Camilleri ezebiet il-kwerela ta’ Dr. Patrick Vella Dok.EC3 a fol.19).

WPC95 Jeanne Farrugia a fol.28 et seq. xhiedet illi waqt li kienet qed taghmel spezzjoni fuq hawker li kien ibiegh hwejjeg fuq il-monti B’Kara, nnuttat kaxxa li kienet taht il-van li kienet mimlija DVDs. Dan il-hawker qalilha li l-kaxxa ma kienitx tieghu ghaliex huwa hwejjeg ibiegh.

Illi hawnhekk l-imputat li kien qieghed faccata, iddikjara li l-kaxxa DVD kienet tieghu u li t-tifel tieghu kien beza meta ra l-pulizija u qabad u tefaha taht il-van ta’ hawker **iehor**.

WPS95 kkonfermat l-istqarrija tal-imputat Dok.EC1 u gharfet lill-imputat.

Dr. Galea a fol.31 kkonferma l-kwerela ezebita.

Spettur E. Camilleri ezebiet sentenza EC4 a fol.33.

L-espert, Martin Bajada a fol.39 ezebixxa r-relazzjoni tieghu Dok. MB li kkonferma li t-tmienja u hamsin (58) video cassettes kienu “non-compliant, u cioe counterfeit”.

Charles Muscat a fol.51, raprezentant tat-‘Trade Living Limited’, xehed illi l-imputat kellu licenzja ta’ Hawker ta’ footwear toys, hwejjeg jidher, audio cassettes, detergents u costume jewellery. (Dok.L1) **izda mhux fuq id-distrett ta’ B’Kara.**

PC290 Jean Paul Formosa kkonferma x-xhieda ta’ WPS95.

PC460 Antoine Briffa kkonferma x-xhieda ta’ WPS95 u PC290 a fol.67 et seq.

Ikkonsidrat;

Illi mill-fatti migjuba a konjizzjoni ta’ din il-Qorti huwa evidenti illi t-tmienja u hamsin (58) video cassettes kienu propjeta’ tal-imputat (ara stqarrija EC1) u li dawn il-casettes kienu ghal bejgh (fatti amessi mill-imputat fl-istqarrija).

Jirrizulta sodisfacentement illi dawk l-istess video cassettes kienu “non-complaint u cioe kopji” (ara relazzjoni Martin Bajada, Dok.MB).

Illi l-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova li l-imputat ikkopja jew iffalsifika dawn il-video cassettes izda certament hemm provi sgjaccanti skond il-ligi ghal rigward tar-reat kontemplat fl-Artikolu. 298(B) Kap.9 li jipprovdi;

***“Whosoever, for gain, or by way of trade prints, manufactures, duplicates or otherwise reproduces or copies or sells, distributes or otherwise offers for sale or distribution any article or other thing in violation of***

***the rights of copyright enjoyed by any other person and protected by or under Maltese Law, shall, on conviction, be liable to imprisonment for a term not exceeding one year or to a fine (multa) not exceeding five thousand liri or to both such fine and imprisonment."***

Illi di piu jirrizulta illi l-licenza ta' l-imputat ta' Hawker f'B'Kara ma kinitx imhallsa u ghalhekk tirrizulta r-raba' akkuza kontra l-imputat.

Illi l-Qorti giet infurmata illi l-imputat biddel il-generu tax-xoghol tieghu u ezebixxa disgha (9) fatturi u cioe Dok.A sa I fol. 76 et seq. in sostenn ta' dan.

Ghal dak li jigwarda l-akkuza ta' recediva, il-prosekuzzjoni naqqset illi tiproduci x-xhieda ta' l-identita' tas-sentenza ezebita ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax tqis l-imputat recediv skond il-Ligi.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni akkuza b'assorbiment ai fini ta' piena tat-tielet akkuza, hati tar-raba' akkuza, mhux hati ta' l-ewwel u hames akkuza li minnhom tilliberah u wara li rat Art. 298 (B) Kap.9, Art. 31 Kap. 441 tikkundannah ghal multa ta' 1351.04Euro li ghandha tithallsu fi zmien sitt (6) xuhur b'rati mensili.

Il-Qorti tordna il-konfiska tat-tmienja u hamsin video cassettes ezebiti u tordna d-distruzzjoni taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------